# Triq Camenzuli f'Tas Sliema

Mario Fenech



Waħda mit-toroq ta' Tas-Sliema li matul is-snin rat tant familji jinbidlu minn żmien għall-ieħor hija Triq Camenzuli li tinsab fil-parti ta' fuq ta' din il-Belt.

Fil-preżent din it-Triq tagħmel parti mil-limiti tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta, iżda meta twaqqfet it-tieni Parroċċa f'Tas-Sliema din kienet tagħmel parti mil-limiti tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor.

Spiss insaqsu; minn fejn ġie dan l-isem u x'konnessjoni għandu ma' Tas-Sliema? It-Triq ġiet imsemmija għal ċertu Lorenzo Camenzuli li kien mir-raħal ta' San Lawrenz f'Għawdex.

Iż-żmien li fih kien jgħix dan Lorenzo ma tantx kien wieħed ta' prospetti sbieħ għal dawk li kienu jixtieq jimxu 'l quddiem fil-karrieri tagħhom. Għaldaqstant lejn nofs is-Seklu Dsatax huwa ddeċieda li jaqsam lejn Malta u jmur jgħix fil-Belt Valletta. Ta' min jgħid li dak iż-żmien kienet xi ħaġa rari li wieħed jitlaq minn raħal twelidu biex imur jgħix x'imkien ieħor jekk mhux biex jemigra lejn xi Pajjiż ieħor imbiegħed.

Fil-Belt Valletta huwa investa l-ftit flus li kellu f'attività kummerċjali li kienet dik tal-prodotti tal-ikel, ħwejjeġ u bżonnijiet oħrajn ta' kuljum li kien ikollha bżonn il-popolazzjoni tant kbira ta' dak iż-żmien tal-Belt Kapitali.

Jidher li kien mar tajjeb b'dan l-investiment tiegħu u għaldaqstant huwa beda jinvesti fil-propjetà. Bil-flus li għamel mill-bejgħ tal-propjetà li kellu fir-Raħal ta' San Lawrenz f'Għawdex flimkien mal-flus li kien irnexxielu jagħmel bl-attività kummerċjali fil-Belt huwa beda jixtri djar fil-Belt, f'Bormla kif ukoll dar kbira f'Tas-Sliema li kellha wkoll għalqa magħha.

Xtara wkoll żewġ oqbra fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata u b'hekk kien ħataf l-okkażjoni ta' bejgħ bl-irħis ta' oqbra li kien offra l-Gvernatur ta' dak iż-żmien li xtaq li jonqos id-dfin mill-Knejjes u ċ-Ċimiterji tal-irħula.

Fil-Belt beda jixtri numru ta' djar kbar fil-parti t'isfel fejn il-propjetà ma kinitx daqshekk għolja fil-prezz u wara li kien jaqsamhom fi djar żgħar kien jikrihom. Fis-sena 1890 Lorenzo xtara biċċa art kbira sew f'Tas-Sliema mingħand il-Baronessa Cafici li minnha huwa għamel kemxa flus sew wara li qasamha f'partijiet żgħar u biegħa għal din. Maż-żmien minn din il-biċċa art ġiet iffurmata triq li mbagħad ġiet imsemmija Triq Camenzuli.

Dan Lorenzo Camenzuli maż-żmien sar benestant kbir u nsibu li mhux darba jew tnejn kien ħallas minn butu għal xi xogħlijiet jew Opri Sagri li kienu jsiru fil-Knisja tar-Raħal ta' San Lawrenz f'Raħal twelidu. Fost dawn l-Opri li ħallas għalihom hemm il-Kwadru Titular tal-Knisja, xogħol tal-Artist Giuseppe Cali.

Il-konnessjoni tiegħu ma' Tas-Sliema baqgħet tissaħħaħ meta ġiet biex tiżżewweġ waħda miż-żewġt uliedu. Fil-Lista ta' Propjetà li kien għadda lil bintu bħala Dota nsibu wkoll dar li kienet bin-numru 51, Triq il-Prinċep ta' Wales (illum Triq Manwel Dimench).




Irħama li tinsab fis-Sagristija.

Minbarra l-propjetà li semmejna lejn Triq Camenzuli u Triq il-Prinċep ta' Wales huwa kellu wkoll propjetajiet oħrajn lejn l-inħawi ta' Triq Mrabat u l-madwar.

Minbarra li ħaseb biex ikollu fejn jindifen wara mewtu fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, huwa ħa ħsieb wkoll li jħalli legat biex tkun tista' ssirlu Quddiesa għal ruħu kull nhar ta' Ġimgħa fil-Knisja tas-Sacro Cuor ta' Tas-Sliema li titmexxa mill-Patrijiet Franġiskani.

Dan il-legat huwa mnaqqax fuq irħama li għal xi żmien kienet ma' wieħed mill-Pilastri tal-Artal ta' San Ġlormu fil-Knisja tas-Sacro Cuor. Fil-preżent din qiegħda ma' wieħed mill-ħitan tas-Sagristija tal-istess Knisja.

Lorenzo Camenzuli kien bniedem li għaraf iħares fit-tul meta xeħet l-attenzjoni tiegħu fuq Tas-Sliema li dak iż-żmien kienet ferm 'il bogħod minn dik li hija llum!

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.


ALFIO PSAILA

*for all kinds of*
*Inside and Outside Plastering*

Mob: 9981 7161

